## KATEKISTI U GĦALLIEMA... imma mhux biss!

Il-ġenituri huma preżenza unika, primarja, li jagħtu saħħa speċjali fit-trobbija tat-tfal. Il-karattri tal-missier u l-omm jikkumplimentaw lil xulxin anke xħin jiġu biex jittrattaw ma' wliedhom. Fil-bidu ta' din is-sena skolastika u anke fl-okkażjoni tal-mixja tal-katekiżmu se nagħtikom xi riflessjonijiet li għamlet koppja u li sibt fuq rivista. Il-pariri li jagħtu jidhru li fihom sens.

A. Uru li tħobbu lil uliedkom biex it-tfal jikbru tassew. Tużawx dik it-tip ta' dixxiplina li ma tħallix wisa' għal dibattitu u diskussjoni.

B. Għaddu ħin ma' wliedkom. L-iktar li se jiftakru t-tfal meta jikbru, mhux kemm tixtrulhom affarijiet imma kemm tkunu għaddejtu ħin magħhom.

Ċ. Ara d-dinja minn għajnejn uliedek. Apprezza dak li huwa importanti għat-tfal. B'hekk tkun tista' tifhem aħjar il-problemi tagħhom ukoll.

D. Żomm il-limiti u żomm l-ordni. Fl-isfond tal-imħabba jrid ikun hemm sens ta' dixxiplina. U t-tfal iridu jifhmu li l-aħħar kelma tkun tal-ġenituri.

Nawgura lil kulħadd fis-sena skolastika u pastorali li bdejna.
U ftakru li Ġesù huwa dejjem magħna.
Infittxu lill-Mulej fil-ħtiġijiet kollha tagħna. U nitolbu lill-Ispirtu s-Santu biex imexxina Hu.
F'dan is-Sibt, 2 t'Ottubru, l-Isqof Anton Teuma se jbierek il-Mużew il-ġdid tal-bniet. Nifirħu mal-MUSEUM għal dan il-pass 'il quddiem li għamlu favur ix-Xandir tal-Vanġelu fil-komunità parrokkjali.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**AVVIŻI:**
Navżawkom li nhar il-Ħadd 3 t'Ottubru se ssir velja ta' talb fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-Sena Pastorali fid-Djoċesi. Il-Velja tibda fis-5:45pm.

**IL-KORS TAL-GĦARAJJES:** jibda dan is-Sibt, 2 t'Ottubru fis-7:30pm fiċ-Ċentru Pastorali (maġenb l-Uffiċċju Parrokkjali).

**IL-KUMITAT TAL-BANDA:** javża li ser jerġa' jibda t-tombli ta' nhar ta' Ħadd minn din il-ġimgħa, 3 t'Ottubru. Jibdew fis-7:00pm. Ser nimxu mal-protokolli kollha tas-saħħa. Trasport provdut.

**LAQGĦAT TAL-AZZJONI KATTOLIKA:** nhar l-Erbgħa 6 t'Ottubru ser jerġgħu jibdew fil-parroċċa tagħna. Il-laqgħat (li jdumu madwar siegħa) se jsiru kull nhar t'Erbgħa fl-4:30pm f'Dar San Pietru Pawl fi Triq Diċembru 13. Il-laqgħat jitmexxew mill-Assistent Ekkleżjastiku Mons. Salv Pace. Filwaqt li nħeġġu lill-membri kollha jattendu mill-ġdid, inħajru oħrajn ġodda jingħaqdu magħna.

**IS-SORIJIET TAL-PARROĊĊA JAVŻAW LI:** nhar **l-Erbgħa 6 t'Ottubru** se ssir il-festa ta' San Franġisk fil-kappella tas-Sorijiet. **Fil-5:30pm** jibda **r-rużarju** u **fis-6:00pm quddiesa** minn Patri Alfred Xerri. Wara tingħata l-barka Sagramentali.
Matul ix-xahar t'Ottubru, **kuljum fil-5:30pm**, jingħad ir-rużarju fil-kappella tas-Sorijiet quddiem Ġesù espost. Wara tingħata l-barka Sagramentali.

## ĠRANET U ĦINIJIET TAL-KATEKIŻMU FIL-MUŻEW TAS-SUBIEN

**KLASSIJIET TAL-PRIMARJA**
**Nhar ta' Tnejn u Ħamis**
Year 1: mis-5:45 sas-6:15pm (mill-ewwel fil-klassi) Year 3: mis-5:50 sas-6:20pm
Year 5: mis-6:00 sas-6:30pm
(tal-Year 3 ikollhom il-logħob fil-grawnd nhar ta' Tnejn mill-5:30 sas-5:50pm u tal-Year 5 ikollhom nhar ta' Ħamis mill-5:30 sas-6:00pm)

**Nhar ta' Tlieta u Ġimgħa**
Year 2: mis-5:45 sas-6:15pm (mill-ewwel fil-klassi) Year 4: mis-5:50 sas-6:20pm
Year 6: mis-6:00 sas-6:30pm
(tal-Year 4 ikollhom il-logħob fil-grawnd nhar ta' Tlieta mill-5:30 sas-5:50pm u tal-Year 6 ikollhom nhar ta' Ġimgħa mill-5:30 sas-6:00pm)

**KLASSIJIET TAS-SEKONDARJA**
Kull nhar ta' Tnejn, Tlieta, Ħamis u Ġimgħa mis-7:00pm sas-7:30pm. Il-grawnd jinfetaħ fis-6:30pm.

## ĠRANET U ĦINIJIET TAL-LAQGĦAT GĦALL-ADOLEXXENTI U Ż-ŻGĦAŻAGĦ

*Jibdew mit-Tlieta 5 t'Ottubru*

NTYC
NADUR TEEN & YOUTH CENTRE

L-Erbgħa fis-6:00pm għall-istudenti tal-form 2 (Yr 8)
L-Erbgħa fit-8:00pm għall-istudenti tal-form 3, 4 u 5 (Yr 9-11)
Il-Ħamis fit-8:00pm għall-istudenti minn sittax-il sena 'l fuq (16+)
It-Tlieta fit-8:00pm għall-istudenti minn tmintax-il sena 'l fuq f'Malta (18+)

Il-Ġimgħa fit-8:00pm jkun hemm ukoll Prayer Group għall-istudenti minn ħmistax-il sena 'l fuq (15+)

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**SALA PARROKKJALI: Is-Sibt:** fis-6:00pm (issir fil-bitħa tal-Mużew Marittimu)
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am